KAMRA TAD-DEPUTATI | MALTA | HOUSE OF REPRESENTATIVES

2 ta' Settembru 2014

Onor. Etienne Grech
Chairman
Kumitat Permanenti ghas-Saħħa

---

Onor. Grech,

## TALBA GHAL-LAQGHA URĠENTI TAL-KUMITAT PERMANENTI GHAS-SAHHA

Kif ninsab ċert li taf, f'dawn l-aħħar ġranet feġġew allegazzjonijiet serji dwar l-istruttura tal-binja tad-Dipartiment tal-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei.

Peress li fil-ħarġa tal-Hadd 31 ta' Awissu 2014 ta' *The Sunday Times of Malta*, il-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa ġie kkwotat li qal li f'xi partijiet tal-binja msemmija l-kwalità tal-*concrete* ma kenetx konformi mal-istandards aċċettabbli (*"significantly below standards and extremely weak in certain areas"*).

Peress li fl-Istqarrija Nru. PR 141925, il-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa qal li mit-testijiet li saru rriżulta li *"l-concrete li ntuza f'ċertu kolonni ma kienx b'saħħtu biżżejjed u li kien ta' kwalità inferjuri".*

Peress li, kuljum, madwar 350 pazjent jagħmel użu mid-Dipartiment tal-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei, f'ċirkostanzi ta' emerġenza u f'bosta każijiet f'sitwazzjonijiet fejn il-pazjent ikun qed ibati minn kundizzjonijiet gravi.

Peress li mijiet ta' ħaddiema fil-qasam tas-saħħa jaħdmu biex dan id-Dipartiment ikun jista' jopera fuq bażi 24x7, liema ħaddiema huma diġà suġġetti għal ambjent ta' xogħol kumpless, sensittiv u li joffri sfidi operazzjonali, fiżiċi u psikoloġiċi kontinwi.

Peress li l-allegazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq jistgħu faċilment jimplikaw li jeżisti xi riskju ta' saħħa u sigurtà fl-imsemmi Dipartiment, tant li l-Gvern diġà stqarr li *"qed jaħdem b'mod parallel fuq miżuri temporanji ta' mitigazzjoni biex tissaħħaħ l-istruttura tal-emerġenza".*

Peress li l-preżenza jew le ta' xi forma ta' difett fl-istruttura m'hijiex materja ta' opinjoni politika iżda hija stat ta' fatt tekniku bbażat fuq jekk il-kwalità tal-binja hijiex konformi ma' dak li kienet intenzjonata u kuntrattata li tinbena oriġinarjament.

Peress li fil-każ tal-bini kollu marbut mal-Isptar Mater Dei hemm numru ta' periti, ditti u uffiċjali li teknikament, kummerċjalment, professjonalment u aktar u aktar legalment refgħu r-responsabbilità taċ-ċertifikazzjoni tal-istruttura skont dak li tipprovdi l-liġi u dak li kienu jipprovdu l-kuntratti tal-bini rispettivi.

Peress li huwa fundamentalment importanti li dawn il- periti, ditti u uffiċjali għandhom jagħtu l-assigurazzjoni tagħhom dwar is-sengħa li ntużat fix-xogħol rispettiv kif ukoll dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-binja li kienu fdati biha u li huma ċċertifikaw u/jew approvaw.

Peress li mir-rapport u l-istqarrija msemmija aktar 'il fuq jidher li hemm nuqqas ta' ċertezza dwar jekk l-istruttura hijiex difettuża (u allura tesponi lil min jużaha għal ċertu riskji) jew hux biss il-każ li ma tistax tiflaħ bini ta' strutturi addizzjonali fuqha minħabba li oriġinarjament ma kenetx iddiżinjata u mibnija biex isostni dawn il-binjiet.

Peress li dan in-nuqqas ta' ċertezza jista' jnissel nuqqas ta' fiduċja tal-pazjenti li jkollhom bżonn is-servizz tal-imsemmi Dipartiment kif ukoll jeffetwa s-serħan tal-moħħ tal-ħaddiema.

Peress li l-ħidma effettiva u l-operat stabbli ta' dan id-Dipartment jiddependi fuq il-fiduċja li l-pazjenti u l-ħaddiema jrid ikollhom fuq il-kwalità tal-ambjent tal-faċilitajiet li jagħmlu użu minnhom b'mod partikolari s-saħħa u s-sigurtà tagħhom.

Peress li l-Oppożizzjoni tħoss li taħt l-ebda ċirkostanza m'għandhom jitħallew pazjenti jew ħaddiema fil-qasam tas-saħħa esposti għal xi riskju għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom.

U peress li l-Ordni Permanenti 120J (1) (a) jipprovdi li l-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa jkollhu s-setgħa li *"fuq inizjattiva tiegħu stess, jiddiskuti policy u materji fil-qasam tas-saħħa li jkollhom importanza strateġika u ta' interess materjali għall-pazjenti u jirraporta fuqhom lill-Kamra".*

Għaldaqstant qegħdin formalment nitolbuk biex tlaqqa' b'urġenza l-Kumitat Permanenti għas-Saħħa biex jiddiskuti din il-materja skond kif provdut fl-imsemmi Ordni Permanenti.

**Claudio Grech** | **Michael Gonzi**

Kopja: *Speaker* tal-Kamra tad-Deputati
Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa
Segretarju Parlamentari ghas-Saħħa
Awditur Ġenerali
Kummissarju ghas-Saħħa
Chairman, Foundation for Medical Services
Kap Eżekuttiv, Occupational Health and Safety Authority
Kap Eżekuttiv, Sptar Mater Dei